MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Appell Civili - Ghawdex Numru. 32/2011/1

**Carmel Agius**

**Vs**

**ABBA Properties Limited**

Permezz ta’ sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tas-17 ta’ Settembru 2013, il-kumpannija konvenuta giet kundannata thallas lill-attur is-somma ta’ Ewro1,767.03, bilanc ta’ prezz ta’ xoghol ta’ bajjad u xoghol iehor relatat mal-kostruzzjoni.

Il-kumpannija konvenuta appellat mis-sentenza u l-aggravji taghha huma li:-

i. L-ewwel paragrafu tat-twegiba m’hijiex eccezzjoni u ghalhekk it-Tribunal ma kellux ghalfejn jichad ecezzjoni ghaliex l-appellanti kienet qeghda biss tesprimi d-dizappunt taghha kif id-difensur li ffirma l-avviz kien ukoll il-gudikatur li appunta l-kawza ghas-smiegh.

ii. It-Tribunal laqa' t-talba bl-imghax, minghajr ma giet stabbilita data minn meta jiddekorri l-imghax.
iii. It-Tribunal ma kellux jichad l-eccezzjoni li l-azzjoni hi preskritta skond l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili. F'dan ir-rigward kellu jigi ndagat jekk kienx hemm rinunzja jew interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Skond l-appellanti, l-uniku rimedju li kellu l-appellat kien li jinghata l-gurament fit-termini tal-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili (Kap. 16).

L-appellat wiegeb li:-

i. L-imghax ghandu jiddekorri minn Awissu 2007 peress li Attard kien miet fis-7 ta' Ottubru 2007;
ii. L-appellanti rrinunzjat ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni gialadarba wiehed mill-aggravji hu li t-Tribunal ma qalx minn meta ghandu jiddekorri l-imghax;
iii. Il-preskrizzjoni li tapplika ghal dan il-kaz hi dik kontemplata fl-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili u mhux dik invokata mill-appellanti;
iv. Bil-pagament li ghamel Bonnici kull preskrizzjoni giet rinunzjata. Meta hallas huwa ma kienx qieghed ihallas fil-vesti personali tieghu peress li ma kellu l-ebda relazzjoni guridika mal-appellat;
v. Il-pagament li ghamel Bonnici ghamlu ghan-nom u in rapprezentanza ta' ABBA;
vi. L-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili ma japplikaz fil-kaz in ezami peress li d-debitur ma nghatax il-gurament;

Mill-provi rrizulta li l-appellata (ABBA) kienet inkarigat lill-appellant (Agius) sabiex taghmel xoghol ta' tibjid u tqeghid ta' madum fl-blokk appartamenti proprjeta taghha. Proprjeta' li kienet xtrat fil-5 ta' Settembru 1991 atti nutar Dr Ino Mario Grech (fol. 44).

B'nota prezentata fid-19 ta' April 2013 l-appellata ddikjarat li l-preskrizzjoni kienet dik kontemplata fl-Artikolu 2148 tal-Kodici Civili, li tipprovdi ghall-azzjonijiet li jaqghu bi preskrizzjoni eghluq tmintax-il xahar. Imbaghad waqt is-seduta tat-23 ta' April 2013 id-difensur tal-konvenuta ghamel riferenza ghall-Artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 li jipprovdi:

*"(a) l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja,* ***bajjada****, haddieda, argentieri, arluggara, u* ***ta' persuni ohra li jahdmu sengha*** *jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xogholijiet taghom, jew tal-materjal li jfornu.".*

Il-qorti hi tal-fehma li x-xoghol ta' tibjid u tqeghid ta' madum li ghamel l-appellat jikkwalifika taht dan is-subinciz. Hu evidenti li l-appellat kien obbliga ruhu li jaghti x-xoghol tieghu lill-appellanti, u f'dan il-kuntest japplika l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili. Il-qorti tirrileva wkoll li jidher li kien biss fl-istadju tal-appell li l-appellat beda jsostni li l-preskrizzjoni li kienet tapplika ghall-kaz in ezami hi dik kontemplata fl-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili. Tant hu hekk li b'nota prezentata fl-10 ta' Mejju 2013 ta zewg ragunijiet ghalfejn l-azzjoni li ppropona ma kenitx preskritta u ma ghamel ebda riferenza ghall-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili.

Filwaqt li l-appellanti kellha l-oneru tal-prova li turi li t-terminu ta' 18 il-xahar kien ghadda minn meta tlesta x-xoghol, l-appellat (Agius) kellu l-oneru li jaghti prova li l-preskrizzjoni giet interrotta jew li kien hemm rinunzja ghaliha. Mill-atti ma jirrizultax li l-attur uzufruwixxa ruhu mill-procedura kontemplata fl-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili, cjoe' l-ghoti ta' gurament lid-debitur.

B'riferenza ghall-ewwel aggravju l-qorti hi tal-fehma li m'hemm htiega tal-ebda dikjarazzjoni gialadarba l-materja kienet giet sorvolata meta l-gudikatur kien astjena u t-Tribunal kien presjedut minn haddiehor.

Jibda biex jinghad li 'l fatt li fit-tieni aggravju taghha s-socjeta appellanti lmentat li t-Tribunal naqas milli jghid minn meta kellu jiddekorri l-imghax, ma jfissirx li rrinunzjat ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Dan hu wiehed mill-ilmenti tal-appellanti fir-rigward tas-sentenza. Tant ma kienx hemm rinunzja li l-ilment principali hu dwar dak li qal it-Tribunal fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Fil-fehma tal-qorti 'l fatt li l-aggravju dwar l-imghax tpogga qabel dak dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma jfissirx li l-appellanti rrikonoxxiet li hi debitrici tal-appellat. Tul il-kors

tal-proceduri d-difiza tal-appellanti kienet tistrieh principalment fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, u dan baqa' hekk sal-ahhar.

Mill-atti rrizulta li:-

i. Ix-xoghol kien inghata mill-appellanti (ABBA) lill-appellat Agius;
ii. Joseph Bonnici u Frenc Attard kienu diretturi tal-kumpannija ABBA Properties Limited. Pero' fis-7 ta' Settembru 1999 Bonnici rrizenja mill-kariga ta' direttur (fol. 39), u direttur baqa' Frenc Attard.
iii. Frenc Attard miet fis-7 ta' Ottubru 2007.
iv. John Bonnici xehed li xi tlett xhur qabel miet Attard, kienu tkellmu mal-appellant Agius u *"[….] konna qbilna li l-bilanc li kellna naghtu lil Agius ta' elf u hames mitt liri Maltin (Lm1,500)….. Dawn kellhom jithallsu bejn tnejn, jigifieri seba' mija u hamsin Lira Maltin (Lm750) kull wiehd. Dan niftakru car."* (fol. 23).

Fil-fehma tal-qorti:-

(a) Originarjament id-dejn kien ta' ABBA Properties Limited. Ix-xhud Bonnici kkonferma li huwa kellu interess fil-kumpannija u fil-fatt kien jokkupa l-kariga ta' direttur. Tant ir-relazzjoni guridika kienet bejn Agius u ABBA li Bonnici stess ikkonferma li l-pagamenti akkont li kienu jsiru lil Agius kienu jithallsu mill-kumpannija[1]. Gie zmien meta Bonnici u Attard ma baqghux shab flimkien u kienu ftehemu mal-appellat li d-dejn jinqasam in kwantu ghal Lm750 kellha thallashom ABBA u Lm750 Bonnici. Hekk qal ix-xhud li ressaq l-appellat. Ghall-qorti dan ifisser li sehhet novazzjoni fir-rigward ta' parti mill-kreditu, fis-sens li nbidel id-debitur minn ABBA ghal Joseph Bonnici. Ghall-kumplament (cjoe' Lm750) baqa' l-istess debitur.
(b) L-appellat stess ikkonferma li kien tqabbad jaghmel ix-xoghol minn ABBA; *"Qed nigi mistoqsi kif wasalt ghall-konkluzjoni li kont qed nigi nkarigat mis-socjeta ABBA Properties Ltd u mhux minn Joseph Bonnici personali u*

[1] *"Lil Agius dejjem hallasnieh fis-sens illi Attard kien johrog cheque tal-kumpannija li konna ntuh lil Agius bejnkont."* (fol. 23).

*Frenc Attard personali, u nghid illi jien wasalt ghal din il-konkluzjoni ghaliex l-izvilupp kien qed isir jew kien sar minn ABBA Properties Ltd.”* (fol. 25). Fil-fatt ikkonferma wkoll li l-hlas kien isir b’cekk ta’ ABBA. L-appellat stess jaghti x’jifhem li kien sehh il-ftehim li rrefera ghalih ix-xhud Bonnici, tant li kkonferma li kien thallas nofs l-ammont minghand Bonnici. Ir-raguni tghidlek li kieku kienet tezisti s-solidarjeta kien jitlob il-hlas kollu minghand Lm750. ‘Il fatt li accetta hlas ta’ Lm750 minghand Bonnici fih innifsu jikkonferma dak li xehed Bonnici, cjoe’ l-ftehim li sehh ftit xhur qabel miet Frenc Attard.

(c) Ghalkemm Bonnici hallas nofs l-ammont[2], b’daqshekk ma jfissirx li kien qieghed jorbot lil ABBA. Fis-sena 1999 Bonnici kien irrizenja mill-kariga ta’ direttur u ghalhekk ma setax jorbot lill-kumpannija.

(d) Hu minnu li f’obbligazzjonijiet kummercjali s-solidarjeta’ hi prezunta (Artikolu 115 tal-Kodici tal-Kummerc). Pero’ f’dan il-kaz hu evidenti li ma kienx hemm solidarjeta. Ix-xoghol kien inghata minn ABBA u Bonnici, xhud li ressaq l-appellat, qal car u tond li kien bi ftehim ftit xhur qabel il-mewt ta’ Frenc Attard li d-dejn kien inqasam bejnu u Attard (ABBA).

(e) L-azzjoni giet proposta fit-18 ta’ Novembru 2011, cjoe’ wara li kienu skadew it-tmintax-il xahar li kienu regghu bdew jiddekorru fis-sena 2007 meta sar il-ftehim li Bonnici jhallas Lm750 u ABBA thallas Lm750.

(f) Frenc Attard miet fis-7 ta’ Ottubru 2007 (fol. 71). Minn dakinhar ma jistax ikun li sehhet xi interruzzjoni jew rinunzja ta’ preskrizzjoni fir-rigward ta’ ABBA. Bonnici kien ilu mis-sena 1999 li ma baqax direttur tal-kumpannija. Dan ifisser li ma kellux rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-kumpannija. ‘Il fatt li kien ghad ghandu sehem wiehed fil-kumpannija, ma jfissirx li kellu r-rapprezentanza tal-kumpannija. Ghalhekk f’kull kaz qatt ma seta’ jaghmel dikjarazzjoni li torbot lil ABBA.

(g) Wara l-mewt ta’ Frenc Attard ma jirrizultax li l-appellanti qatt irrikonoxxiet li kien dovut xi hlas lill-appellat.

---

[2] L-appellat xehed (seduta tat-18 ta’ Mejju 2012) li Bonnici kien tah nofs l-ammont u *"[….] dawn ghaddihomli madwar sena ilu u ghaddihomli fi flus kontanti."* (fol. 25).

**Ghal dawn il-motivi l-qorti thassar is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tas-17 ta' Settembru 2013, tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili u tichad it-talba tal-appellat bl-ispejjez kontra tieghu**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------